**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 609/2022**
**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**
**-Vs-**
**KYRA HEGARTY**

**Illum, 8 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputatazzjonjiet miġjuba fil-konfront ta' KYRA HEGARTY ta' 18-il sena, bint Simon u Antoinette nee' Pace, imwielda l-Pieta' nhar it-18 ta' Settembru 2004, residenti ġewwa 30, Blk 6, Bieb C, Flt 21, Vjal in-Naspli, San Gwann u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0309904L, li ġiet akkużata talli fit-2 ta' Ottubru 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa San Ġwann u/jew f'dawn il-Gżejjer:-

1 Ikkagunat lil ommha u cioe' Antoinette Pace, biza' li se tintuza vjolenza jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha, liema reat twettaq ripetutament.

2 Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodici Kriminali lil ommha, u cioe' Antoinette Pace jew, jekk kienet ipprovokatha, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

3 Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ haddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' mowbajl ta' l-għamla Iphone, liema ħsara tammonta għal anqas minn 2,500 Ewro għad-dannu ta' ommha u cioe' Antoinette Pace

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Kyra Hegarty a beneficju ta' Antoinette Pace u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti kienet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Antoinette Pace kif jew sabiex tinżamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Kyra Hegarty billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Kyra Hegarty b'obbligazzjoni tagħha nfisha taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija Kyra Hegarty sabiex tħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-23 ta' Jannar 2023 fejn, ghall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u cioe`:

1. Artikoli 17, 18, 31, 251B, 251H(b), 251HA, 202(h)(iii)(v)(vii)(j), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
2. Artikoli 17, 18, 31, 339(1)(c), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
3. Artikoli 17, 18, 31, 325(1)(b), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Semgħet lill-imputata waqt l-udjenza tat-28 ta' Frar 2023 tiddikjara li m'għandhiex oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni, il-parte ċivili u d-difiża waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputata għandha, jew talanaqas fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati addebitati lilha, kellha problema serja ta' abbuz ta' droga tant illi anke t-tarbija tagħha ta' ftit xhur kienet ittieħdet mingħandha u tqiegħdet taħt il-kura tal-Istat. Tant hu hekk, l-inċident li ta lok għall-akkuzi li ghandha quddiemha l-Qorti llum nibet minn argoment li l-

imputata kellha ma' ommha għaliex allegatament, kienet taħt l-effett tad-droga u riedet il-flus mingħand ommha biex tkompli ssostni dan il-vizzju.

**Antoinette Pace, il-parti offiża**, xehdet illi meta bintha tkun taħt l-effett tad-droga, issir bniedma kompletament differenti, titlef moħħha u tħebb għaliha u kienu dejjem jispiċċaw jiġġieldu ħafna bejniethom. Xehdet ukoll li meta kienu jseħħu dawn l-episodji, kienet tħossha mdejqa u kienet tibża' li jew bintha tagħmlilha xi ħaġa jew tatgħtiha xi daqqa hi stess.

Dawn l-inċidenti bdew iseħħu iktar ta' spiss fl-aħħar xahar wara li fil-5 ta' Settembru 2022 l-imputata welldet tarbija iżda din ittieħdet fuq ordni tas-Servizzi tal-Protezzjoni tat-Tfal u skont ommha, wara t-twelid l-imputata bdiet tbati b'depression (baby blues) liema sitwazzjoni kienet aggravata minħabba d-dipendenza tal-imputata fuq id-droga tant illi lanqas kienet tmur tara t-tarbija dik id-darba fil-ġimgħa meta kellha dritt tmur taraha. Xehdet illi xi kultant meta kienet titlobha għall-flus biex tixtri d-droga kienet tagħtiha għaliex kienet tiddejjaq taraha ħażin iżda Kyra kienet qiegħda wkoll tisraq mingħandha. Iżda l-ħsieb tagħha minn dejjem kien illi Kyra tieħu l-għajnuna li kellha bżonn u li t-tarbija tagħha terġa' teħodha lura.

Dwar l-aġir ta' bintha f'dan il-perijodu ta' madwar xahar qabel l-inċident tat-2 ta' Ottubru 2022, Antoinette Pace xehdet:-

"*Tigi d-dar, dan it-tip ta' għajjat, storbju, u tkissir. Qas ħġieġa waħda ma fadal id-dar ħajja. U dik li tiġi tħebb għalija u tiġi ma' wiċċi u qisni ma kontx inħossni komda u tkellimni bl-addoċċ lili. Fis-sens li ommi qatt ma kellimtha hekk ... Qaħba, toffendini, ma taħmilnix...*"

Qalet ukoll li f'dawn is-sitwazzjonijiet hi kienet tibża':-

"*... li ħa tagħmilli xi ħaġa hi jew ħa ntiha xi daqqa jien.*

...

*... jew li tiġi ma tkunx qiegħda sew, ittini xi daqqa u tolqotni sew, jew inkella li ħa nispiċċaw nagħtu, niġu fl-idejn. Mela jien naf x'ħa jiġri?*"

Minkejja dan l-aġir abbużiv ta' bintha, li kien iseħħ ta' spiss ħafna matul ix-xahar preċedenti, Antoinette Pace xehdet:-

*"... imma jien ma nieħux għaliha għax jiena naf li l-effett tad-droga imma xorta kienet tbezzani ghax dan bniedem ikun taħt l-effett tad-droga ma tafx x'jista' jagħmillek*"

Xehdet ukoll:-

"*... imma nerġa' ninsisti li hija m'hijiex il-karattru tagħha għax hi tkun taħt l-effett tal-coke u tas-synthetic u jiena naf li s-synthetic hija droga li tifqalek moħħok u Kyra dik li ġralha. Mhux qed tara l-affarijiet ċari. Kienet tinsa li jien ommha u infatti wara kienet tibki u tgħidli sorry ...*"

Dwar l-inċident seħħ fit-2 ta' Ottubru 2022 ġewwa d-dar fejn joqogħdu l-imputata u ommha, Antoinette Pace xehdet li bintha ġiet id-dar u kienet tidher li qiegħda taħt l-effett tad-droga għaliex kienet nervuza u ma kienetx tidher tajba; talbitha l-flus biex tixtri d-droga izda hi ma riditx ittiha u spiċċat issabbat u tagħmel ħafna storbju għaliex skont ommha, ma kellhiex biex tixtri droga. Minħabba l-għajjat ta' Kyra u l-istorbju li għamlet meta bdiet issabbat is-siġġijiet 'l hawn u 'hemm fl-appartament tagħhom, il-ġirien kienu bagħtu għall-Pulizija. Meta waslu, hi bdiet tipprova tikkonvinċihom biex lil Kyra jħalluha magħha għaliex kienet taħt l-effett tad-droga u riedet tipprova tikkalmaha u teħodha għand it-tabib izda l-Pulizija ma aċċettawx u ħaduha l-isptar. Kyra ċemplitilha biex tmur ħdejha u marret għalkemm kienet irrabbjata u indannata ħafna għaliha dak il-ħin għaliex spiċċat bil-Pulizija d-dar minħabba fiha. Ftit tal-ħin wara Kyra ġiet rilaxxata mill-Isptar u kif kienu neżlin lejn id-dar, ħaditilha l-mobile biex iċċempel u ma riditx ittihulha lura u tatha wkoll daqqa ta' sieq f'nofs it-triq għaliex riedet id-droga dak il-ħin u telqet bil-mobile tagħha. Hi ċemplet lill-Pulizija li ġew id-dar, it-tieni darba f'ġurnata u meta waslet id-dar, sabet il-mobile għaliex Kyra

kienet ħallietulha hemmhekk. Kyra ma kienetx id-dar meta waslet iżda wara ftit tal-ħin ġiet u kienet tidher li qiegħda ħażin u taħt l-effett tad-droga. Antoinette Pace kompliet tispjega illi ddeċidiet toħroġ ftit ma' sħabha iżda għalkemm Kyra qaltilha li ma riditx toqgħod waħedha, xorta waħda ħarġet mal-ħbieb tagħha u rat lil Kyra barra ma' sħabha u bdew jgħajjruha.

Qalet li kienet niżlet sal-pjazza ta' San Ġwann biex taqbad taxi u Kyra niżlet warajha u bdiet tgħajjarha li hi omm ħażina, li ma taħmlilhiex, li tixtieqha tmut għaliex tħobb lil ħuha iktar minnha. Kyra riedet il-mobile tagħha biex iċċempel u kif tatulha, telqet tiġri bih fit-triq, sabbtitu mal-ħajt u kissritu. Antoinette Pace xehdet illi l-mobile spiċċa mfarrak u biex jissewwa wieħed irid jonfoq ċirka €500, iżda kkonfermat ukoll li xorta waħda jiffunzjona u insistiet li ma tridx ħlas la għat-tiswija tat-telefon ċellulari tagħha u lanqas tal-ħsarat li bintha għamlet fid-dar. Xehdet ukoll li dak il-ħin bdiet tibki filwaqt li Kyra biex tiġbdiha biex ma titlaqx u biex toqgħod magħha iżda hi xorta waħda riedet toħroġ u telqet biex iċċempel lill-Pulizija minn ħanut fl-inħawi. Talbet ukoll biex il-Pulizija jakkumpanjawha biex tmur id-dar għaliex bdiet tibza' li ser issib lil bintha d-dar u billi kienet indannata u taħt l-effett tad-droga ma kienetx taf x'seta' jiġri. Insistiet illi jekk bintha kienet tasal biex tagħmel xi ħaġa, dan ma jkunx għaliex trid hi iżda ħasset li ma setgħetx tkompli sejra hekk u kien wasal iż-żmien biex fejn din is-sitwazzjoni kellha tieqaf għall-ġid ta' bintha stess u għalhekk marret tagħmel rapport lill-Pulizija tas-sezzjoni tal-vjolenza domestika.

**Il-verżjoni tal-imputata, Kyra Hegarty**, hi illi ommha kienet tieħu d-droga magħha u li ommha ħalfet falz quddiem il-Qorti għaliex ir-raġuni l-għala kienu ġġieldu fit-2 ta' Ottubru 2022 kienet li ommha kienet ħbiet il-coke u kien minħabba f'hekk li ħassitha indannata. Ammettiet li għandha problema ta' droga iżda stqarret ukoll li ommha wkoll tieħu d-droga u kienet tieħu d-droga quddiemha, inkluż ecstasy u ketamine, anke qabel bdiet tieħu d-droga hija stess u kienet tħalliha wkoll id-dar waħedha. Xehdet ukoll illi qabel bdiet tieħu d-droga kienet issib fliexken u coke ta' ommha fid-dar u kienet tibkilha biex ma tieħux id-droga quddiemha. Imbagħad, meta bdiet tieħu d-droga hi stess fl-eta' ta' 14-il sena, ommha flimkien mal-għarus tagħha, bdiet tieħu

d-droga magħha u kienet tiġi wkoll ma' sħabha biex tieħu d-droga. Fi kliemha, ommha bdiet tniżżilha aktar u li tort tagħha li tinsab f'din is-sitwazzjoni, anke għaliex kienet tagħtiha l-flus biex tixtri d-droga.

L-imputata ċaħdet illi fit-2 ta' Ottubru 2022 heddhet lil ommha li ser titfagħlha l-aċtu u stqarret li dak il-kliem kienet qaltulha ħafna żmien qabel. Ammettiet iżda li offendietha għaliex ommha kienet offendietha hija stess u weġbitha lura u fissret li ommha wkoll tkun aggressiva meta tkun taħt l-influwenza tad-droga.

Spjegat ukoll li mhux minnu dak li xehdet ommha li fit-2 ta' Ottubru 2022 ommha kienet għadha ġejja d-dar minn barra u ltaqgħet magħha d-dar. Xehdet illi hija daħlet id-dar u kienet indannata għaliex ma kellhiex min iwassalha biex tixtri d-droga u marret il-Marsa biex tixtri. Meta ġiet lura d-dar bid-droga, ommha ġiet ħdejha u staqsietha jekk riditx tieħu droga u ommha ħadet magħha u mbagħad għamlu ġurnata jiġru Ħaż Żebbuġ bil-pipa f'idejhom ipejpu iżda wara li marru lura San Ġwann, ommha bdiet issir aggressiva u ħbiet il-coke fil-bra tagħha meta qaltilha li kienet sejra tiltaqa' ma' sħabha. Bdiet tgħidilha wkoll "*ma rridx nurik x'għandi*" fejn hi bdiet issir iddisprata u talbitha biex tagħtiha biċċa, iżda ommha rrifjutat. Ommha saret aggressiva magħha u b'hekk hi saret aggressiva wkoll. Innegat li ommha kienet qed tibża' tgħix fir-residenza tagħhom u għalkemm hu minnu li kienu jiġġieldu bejniethom fuq id-droga, ommha ma kienetx tibża' tgħix magħha u dan għaliex kienet tieħu d-droga magħha u baqgħet tagħmel dan sal-inċident tat-2 ta' Ottubru 2022.

Ikkunsidrat;

Din hi storja pjetuża u traġika dwar l-effetti diżastrużi tad-droga fuq l-emozzjonijiet u l-psikoloġija ta' min jabbuża mid-droga u fuq ir-relazzjonijiet personali tiegħu mal-persuni l-iktar viċini tiegħu li xi kultant jiġu kostretti jaġixxu kontra qalbhom għall-ġid tiegħu. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, id-dipendenza tal-imputata mid-droga tant kienet akuta li wasslet ukoll biex hija titlef l-opportunita' li trabbi għalissa hija stess it-tarbija tagħha li tpoġġiet taħt il-kura tal-Istat.

Il-parti offiża, omm l-imputata, issostni li ma felħitx iktar tara lil bintha tkisser lilha nnifisha bid-droga u ma feħlitx lanqas taffaċċja iktar l-abbuż, l-għajjat, it-tkissir u l-istorbju li kien jinqala' ripetutament kull darba li bintha kienet tkun tat l-effett tad-droga u kull darba li trid il-flus biex tieħu d-droga, u riedet toħroġ lil bintha miċ-ċirku vizzjuż li daħlet fiha bil-ħsieb aħħari li bintha terġa' tieħu lura lit-tarbija tagħha u tgħix ħajja normali, ħielsa mid-dsprament u l-għajb li ħakem mhux biss lill-imputata iżda lilha wkoll.

L-imputata tinsab mixlija bir-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 ċioe' li bl-imġieba tagħha ġiegħlet lil ommha, Antoinette Pace, tibża' li ser tintuża vjolenza fil-konfront tagħha jew tal-proprjeta' tagħha jew xi ħadd mill-persuni msemmija fl-istess dispożizzjoni tal-liġi. Reat li bħalma huwa paċifikatament stabbilit fil-ġurisprudenza in materja, għal sejbien ta' ħtija jeħtieġ prova ta' kondotta ripetuta da parti tal-aġent tar-reat - u mhux inċident iżolat – kondotta li hija maħsuba biex tikkaġuna, u effettivament tikkaġuna, fis-soġġett passiv tar-reat, allarm u biza' riskontrabbli soġġettivament jew oġġettivament, li sejjer jintuża vjolenza kontriha jew kontra xi persuni oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 251B jew kontra l-proprjeta' tagħha.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi hu manifest illi l-inċident li seħħ fit-2 ta' Ottubru 2022 kif ukoll b'mod ġenerali t-tilwim kollu li kien jinqala' bejn l-imputata u ommha, li jgħixu taħt l-istess saqaf, nibet mill-abbuż tad-droga u xejn iktar, u kienet id-droga li wasslet lill-imputata tispiċċa quddiem il-Qorti u dan sforz tal-omm biex forsi l-Qorti ssolvilha l-problema. Din il-Qorti sejra tagħmel minn kollox biex dan isir iżda qabel xejn tosserva illi wara li semgħet liż-żewġ partijiet jixhdu quddiemha, ma tħossx li tista' twarrab kif ġieb u laħaq il-verżjoni tal-imputata li sostniet emfatikament illi ommha wkoll tabbuża mid-droga u aktar minn hekk, tabbuża mid-droga fil-preżenza tagħha u flimkien magħha, u illi fit-2 ta' Ottubru 2022 huma kienu ġġieldu wara li kienu ħadu d-droga flimkien. L-imputata stqarret illi fit-2 ta' Ottubru 2022 kienet f'qagħda ħażina għaliex kienet għamlet ġurnata tieħu d-droga flimkien ma' ommha,

iżda saret aggressiva meta ommha ħbitlha d-droga u ma riditx ittiha minnha kif ukoll għaliex ommha wkoll kienet aggressiva magħha.

Il-Qorti tosserva li għalkemm l-allegazzjonijiet li għamlet l-imputata fil-konfront ta' ommha huma serji ħafna, il-verżjoni tagħha fir-rigward ma ġietx kontradetta u lanqas kontestata u dan minkejja li ommha kienet ikkostitwiet ruħha parti offiża f'dawn il-proċeduri u kellha l-jedd kif ukoll l-opportunita' li tikkuntrasta x-xhieda tal-imputata u tattakka l-kredibbilita' tagħha u l-verżjoni li xehdet dwarha. Dan kollu jkompli jsaħħaħ il-verżjoni tal-imputata mhux biss dwar l-istorja u r-retroxxena tal-problema tad-droga tagħha kif jirriżulta mix-xhieda tagħha, iżda wkoll dwar l-allegazzjoni li ommha kienet tieħu d-droga quddiemha u magħha u li ħadu d-droga flimkien dakinhar tal-inċident tat-2 ta' Ottubru 2022, u li kienu ġġieldu sewwasew minħabba d-droga.

Tosserva wkoll li l-imputata kienet diġa' għamlet dawn l-allegazzjonijiet fl-istqarrija li rrilaxxat waqt l-interrogazzjoni tagħha fit-18 ta' Ottubru 2022 fejn qalet li ommha kienet tqatta' nofs il-ġurnata tpejjep ma' sħabha u li fit-2 ta' Ottubru 2022 ommha kienet ħarġet magħha u ma' sħabha u kienet taħt l-effett tad-droga meta marret għaliha l-isptar wara li ħaduha l-Pulizija.

Il-Qorti ma riskontrat xejn fil-verżjoni ta' Antoinette Pace li teskludi l-veraċita' tal-allegazzjonijiet li għamlet l-imputata fix-xhieda tagħha: għall-kuntrarju, tosserva illi meta xehdet quddiem il-Qorti, Antoinette Pace stqarret, meta ġiet mistoqsija x'kienet ir-raġuni tal-ġlieda li kellhom fit-2 ta' Ottubru 2022: "*Għax ma kellix affarijiet. Ma kellix droga.* ***Ma kellix iktar droga***"[1]. Aktar minn hekk, kienet ferm evażiva meta ġiet biex tgħid fejn marret meta ħarġet ma' sħabha fit-2 ta' Ottubru 2022. Fix-xhieda tagħha qalet li meta ddeċidiet li toħroġ biex tiltaqa' ma' sħabha u kienet nieżla sal-pjazza biex taqbad taxi, l-imputata marret warajha u kissritilha l-mobile u minn hemmhekk ċemplet lill-Pulizija biex jakkumpanjawha biex terġa' tidħol fid-dar u eventwalment marret tagħmel rapport lis-sezzjoni tal-vjolenza domestika. Naqset

[1] Xhieda ta' Antoinette Pace, 25 ta' Ottubru 2022.

milli tgħid ċar u tond illi minkejja li bintha ma ridithiex tħalliha waħedha d-dar biex toħroġ ma' sħabha, hi xorta waħda marret tiltaqa' ma' sħabha u fil-fatt, dehret retiċenti ħafna tgħid fejn marret flimkien ma' sħabha u x'kien ġara waqt dan l-episodju partikolari. Kemm hu hekk, xehdet li ma setgħetx tiftakar fejn marret ma' sħabha "*jiena* ***naħseb ħriġt xi naqra*** *għax kont ippanikjata ... ilħaqt ħriġt*, ***mort lanqas naf fejn mort jiġifieri, iltqajt ma' xi ħbieb tiegħi, hi marret għaliha wkoll*** *u filgħaxija la naf li erġajna ltaqjna d-dar*, ***ma nafx kif eżatti***. *Sadanittant rajt xi ħbieb tagħna jiena jiġifieri konna qegħdin morna dawra ma' sħabi jiena u bdiet tgħidli ħafna kliem bl-addoċċ ... konna qegħdin ġo karozza ...*" (emfasi tal-Qorti)

Min-naħa l-oħra, l-imputata xehdet bla tlaqliq li dakinhar hija kienet ħarġet ma' ommha fejn għamlu ġurnata jiġru flimkien ma' sħabha u jidħku, ħaġa li affermat fix-xhieda tagħha meta qalet li għamlet ġurnata flimkien ma' ommha jiġru Ħaż Żebbuġ bil-pipa f'idejhom ipejpu, u wara marru lura d-dar u ltaqgħu mal-ħbieb tagħha u ħadu d-droga flimkien.

Minn dan il-Qorti hi propensa temmen il-verżjoni tal-imputata li ommha kienet ħadet id-droga wkoll magħha dakinhar u l-ġlied li kellhom kien xprunat mhux biss minħabba li l-imputata kienet iddisprata u aggressiva għaliex riedet iktar droga, iżda wkoll għaliex ommha, li wkoll kienet ħadet id-droga, kienet aggressiva wkoll tant illi qaltilha li moħħha ma kienx qed jaħdem sew lanqas.

Għalkemm b'daqshekk ma jfissirx li l-verżjoni ta' Antoinette Pace dwar dak kollu li seħħ fit-2 ta' Ottubru 2022 mhux verosimili jew li għandha tiġi skartata, il-Qorti sejra żżomm ferm quddiemha l-fatt illi l-aggressjoni tal-imputata kienet xprunata mid-dispramatent tagħha għad-droga - fi kliemha stess "*kont ħażin mejta għad-drogi*" – kif ukoll il-fatt illi ommha kienet ben konsapevoli tal-effetti tad-droga fuq bintha u ġġieldu minħabba li ommha wkoll kienet ħadet id-droga iżda ma riditx tagħtiha iktar droga.

L-imputata fl-istqarrija tagħha ammettiet illi ġieli marret fuq ommha u għajtet f'wiċċha u tidgħi għaliex kienet tħossha indannata mingħajr droga iżda stqarret ukoll li ommha wkoll kienet kienet tkun indannata u aggressiva għaliex tkun ħadet id-droga u għalhekk kienu jilletikaw, "*jikklexxjaw*", fi kliem l-imputata[2]. Qalet li dakinhar kienu ġġieldu wkoll għaliex ommha ma kienetx qiegħda tgħinha meta bdiet taħbi d-droga, u kienet qed tħossha maħruqa[3]. Qalet ukoll illi tassew kienet tkun indannata u rrabjata u li kissret xi affarijiet fid-dar ta' ommha meta ma kellhiex droga, iżda insistiet illi hija qatt ma kienet ta' perikolu għal ommha u ma kienetx tipprovokaha jew issawwatha. **Fil-fatt, Antoinette Pace dan ikkonfermatu meta xehdet illi għalkemm ma kienetx tħossha komda b'dan l-aġir ta' bintha, bintha qatt ma refgħet idejha fuqha u ma kienetx tieħu għaliha minħabba l-għajjat, insulti u theddid għaliex taf li m'hijiex il-karattru tagħha. Affermat ukoll illi dan l-aġir kien ukoll il-frott ta' *baby blues* u fuq kollox tad-droga fuq moħħ bintha, fejn ma kienetx tara l-affarijiet ċari u kienet tinsa li hi ommha, tant illi wara kienet tibki u tiskuża ruħha magħha**.

Fil-fehma tal-Qorti, għalkemm l-imġieba tal-imputata fit-2 ta' Ottubru 2022 konsistenti fit-tisbit tas-siġġijiet, tkissir u l-għajjat mal-wiċċ, kif deskritt minn Antoinette Pace fix-xhieda tagħha, hija imġieba li hi kapaċi oġġettivament tnissel biża' fis-soġġett passiv tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, ma taqbilx illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina, ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li din l-imġieba effettivament qanqlet f'ommha, mill-perspettiva soġġettiva tagħha u fiċ-ċirkostanzi tal-każ in diżamina, il-biża' li ser tintuża vjolenza fuq il-persuna jew il-proprjeta' tagħha.

Kif rajna, fit-2 ta' Ottubru 2022 l-imputata kienet taħt l-effett tad-droga dak il-ħin, wara li għamlet ġurnata tiġri ma' ommha ipjepu d-droga flimkien, u kienet indannata u aggressiva għaliex riedet iktar droga u għaliex ommha bl-aġir tagħha ma kienetx qed

---

[2] Ara stqarrija ta' Kyra Hegarty, Dok. SB5.

[3] Ara xhieda tal-imputata 20 ta' Marzu 2023.

tgħinha. Tassew l-imputata sabbtet u setgħet ukoll kissret xi siġġijiet u t-telefon ċellulari waqt l-inċident li seħħ fit-2 ta' Ottubru 2022 iżda l-Qorti m'hijiex moralment konvinta li ommha beżgħet għall-inkolumita' fiżika tagħha, anke għaliex fiċ-ċirkostanzi hija raġjonevoli l-konklużjoni li kienet hija stess ukoll taħt l-influwenza tad-droga u skont ma xehdet l-imputata, ommha kienet aggressiva u kienet ukoll qiegħda tgħajjat ma' wiċċha u kienu qegħdin jiġġieldu.

Kemm hu hekk, jirriżulta li Antoinette Pace marret għand il-Pulizija mhux tant għaliex kienet qed tibża' minn bintha, ċioe' li tkun vjolenti magħha jew li tagħmel ħsara lil xi proprjeta' tagħha, iżda għaliex iddeċidiet li s-sitwazzjoni tagħhom ma setgħetx tkompli għaddejja hekk u li tant kienet gravi d-dipendenza ta' bintha fuq id-droga u tant kien qed jaffettwalha moħħha ħażin, li kellha tiġi kostretta tirċievi trattament kontra l-vizzju tad-droga minnufih. Dan il-ħsieb hu deżumibbli b'mod pjuttost evidenti mis-segwenti estratt mix-xhieda ta' Antoinette Pace:-

"*Imma l-affarijiet kien ser jibqgħu jaggravaw kieku bqajna sejrin hekk. Mhux għax jiena ridt nagħmlilha l-ħsara bl-ebda mod. Ridtha tieħu l-għajnuna.*"

"*It-tifla tiegħi għandha bżonn programm ... biex tieħu l-għajnuna li hemm bżonn ħalli malajr kemm jista' jkun tieħu din il-baby lura magħha.*"

"*Kont irrabjata ħafna minħabba l-mobile*"

"*Bdiet tgħidli ħafna kliem u bdiet tweġġagħni bil-kliem. Bdiet tgħidli kemm ma naħħmlekx, kemm int omm ħażina , kemm nixtieqek tmut għax int tħobb lil Kayden iktar minni ... għandha din il-fissazzjoni ġo moħħha li m'hu veru xejn.* ***Għax fil-verita' ngħidlek dik hija r-raġuni l-għala qiegħda hawn****. Għax jien kieku stajtu intom twaqqfuha jew whatever, lanqas kont nasal nagħmel hekk. ... Jien għax vera indunajt kemm saret ħażin.*"

"*Għax dak il-ħin bdejt nibża' li ħa nsibha hemm u la kienet indannata u taħt l-effett tad-droga, fis-sens li naf li jekk ħa tagħmel xi ħaġa mhux għax trid hi ħa tagħmilha għax wara ftit konna nkunu qisna xejn mhu xejn imma jien ħassejt li l-affarijiet kellhom jiefqu minn hemm, ma stajnix nibqgħu sejrin hekk. Għall-ġid tagħha stess u ta' kulħadd.*" (emfasi tal-Qorti)

Magħdud dan il-fatt illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi Antoinette Pace ma ċemplitx għall-għajnuna tal-Pulizija meta bintha kienet qiegħda tgħajjat u tkisser fir-residenza tagħha għaliex riedet iktar droga, u stqarret li kienu l-ġirien li ċemplu lill-Pulizija minħabba l-istorbju. Barra minn hekk, xehdet ukoll li meta ġew il-Pulizija ppruvat tikkonvinċihom biex iħallu lil bintha d-dar ħalli tipprova tikkalmaha u mbagħad teħodha hi stess għand it-tabib iktar tard. **Il-Qorti tistenna li jekk Antoinette Pace tassew kienet qed tibża' tant mill-imġieba ta' bintha dak il-ħin, u mit-tkissir u l-għajjat f'wiċċha, mhux biss kellha ċċempel hi stess għall-għajnuna iżda kellha wkoll tħalli mill-ewwel lill-Pulizija joħorġuha 'l barra mir-residenza tagħha**. Marret ukoll l-Isptar biex tara lil bintha ftit tal-ħin wara mhux b'xi sens ta' apprensjoni jew twerwir, iżda b'rabja u indannazzjoni ("*Ovvjament kont indannata u maħruqa, bdjet nidgħi magħha kif inżilt. ... għidtilha qed tara kif spiċċajna?*")

Għandu jingħad ukoll li Antoinette Pace ma setgħetx tgħid preċiżament minn x'hiex kienet qed tibża' b'dan l-aġir ta' bintha ("*mela jien naf x'ħa jiġri?*") u għalkemm xehdet li kienet tibża' li bintha "*tagħmilli xi ħaġa*" jew "*ittini xi daqqa u tolqotni sew*", f'din il-parti mix-xhieda tagħha ma kienetx qiegħda tagħmel referenza speċifikatament għall-inċident tat-2 ta' Ottubru 2022 iżda b'mod ġenerali għall-okkazjonijiet kollha fejn kien jinqala' l-ġlied bejniethom fl-aħħar xahar. **Ikkonfermat ukoll li kienet qed tibża' ugwalment li lil bintha ttiha xi daqqa hija stess jew inkella li jispiċċaw jiġu fl-idejn għaliex hi tbati minn ansjeta' u spiss tħossha anzjuża**.

Il-Qorti qieset ukoll il-fatt illi skont Antoinette Pace, it-tilwim bejnha u bintha kien ilu għaddej, u l-imputata kienet ilha taġixxi aggressivament magħha, tiġi ma' wiċċha,

issabbat u tkisser, fuq bażi regolari għal iktar minn xahar. Antoinette Pace xehdet illi l-imputata kienet toffendiha u tgħajjarha ta' spiss u kienet taf li l-imputata setgħet kienet qed tbati minn *post-natal depression* u li tant kienet gravi d-dipendenza tagħha fuq id-droga, illi t-tarbija li kienet għadha titwieled tpoġġiet taħt il-kura tal-Istat. Minkejja dan kollu iżda, ma jirriżultax li ommha ħadet xi azzjoni f'waqtha biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni estrema ta' bintha, ħlief meta reġa' nqala' argument ieħor – dak li seħħ fit-2 ta' Ottubru 2022 – li skontha, kien **biss episodju ieħor f'sensiela tal-istess xorta ta' tilwim u ġlied, xprunat mill-abbuż tad-droga, u ħadet azzjoni biss meta bintha kissritilha l-mobile**.

Dan kollu magħdud, il-Qorti ma tqisx li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi kollox magħdud ġie ppruvat sodisfaċjentement li l-imputata ġiegħlet lil ommha bl-imġieba tagħha tibża' li tintuża l-vjolenża fil-konfront tagħha jew fuq il-proprjeta' tagħha fl-episodju tat-2 ta' Ottubru 2022.

Ikkunsidrat;

Huwa minnu li l-inċident tat-2 ta' Ottubru 2022 ma kienx inċident iżolat u, kif rajna, Antoinette Pace xehdet illi bintha kienet qed iġġib ruħha b'dan il-mod aggressiv ta' spiss fuq medda ta' xahar, l-iktar wara t-twelid tat-tarbija fil-5 ta' Settembru 2022, iżda anke meta wieħed janalizza x-xhieda u l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar l-episodji li seħħew preċedentement għall-inċident tat-2 ta' Ottubru 2022, qajla huwa riskontrabbli xi element soġġettiv ta' biża' li huwa deżumibbli minn xi att materjali mwettaq deliberatament mill-imputata jew miċ-ċirkostanzi oġġettivi tal-każ. Kif rajna, jeħtieġ li l-Qorti tkun moralment konvinta illi l-vittma effettivament beżgħet għas-sigurta` personali u inkolumita` fizika tagħha minħabba xi imġieba tal-aġent tar-reat, iżda f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova dwar imġieba ossia kondotta ripetuta da parti tal-imputata li **kull darba** raġjonevolment nisslet biża' ta' vjolenza fil-konfront ta' ommha. Huwa minnu li l-imputata fix-xhieda tagħha kif ukoll fl-istqarrija rilaxxata minnha, ammettiet illi hija kienet toffendi lil ommha u tgħajjat ma' wiċċha, għaliex kienet tkun indannata u rabbjata u moħħha ma kienx ikun

qed jaħdem sew bid-droga, għandu jingħad illi t-theddid u l-għajjat fihom infushom mhux neċessarjament jikkostitwixxu **waħedhom** l-element materjali tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9. Biex twassal għal dikjarazzjoni ta' ħtija, it-theddid u l-għajjat irid isir f'iktar minn okkażjoni ta' darba u fuq kollox irid isarraf fi kliem jew imġieba li effettivament irawwmu allarm u jew jagħtu qatgħa lis-soġġett passiv ta' dan ir-reat u jnisslu f'kull każ, l-element tal-biża'. Iżda l-Prosekuzzjoni f'dan il-każ ma ressqitx prova sal-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-imġieba tal-imputata nisslet din ix-xorta ta' biża' fil-parti offiża.

Blackstone jgħid hekk[14]:-

"***A course of conduct which is unattractive and unreasonable does not of itself necessarily constitute harassment; it must be unacceptable and oppressive conduct such that it should sustain criminal liability****. See Majrowski v Guy's & St Thomas's NHS Trust [2007] 1 AC 224, per Lord Nicholls at [30]."* (emfasi tal-Qorti)

Tassew dawn il-kummenti ntqalu fil-kuntest tar-reat ta' *harassment* iżda l-Qorti tqis illi l-ħsieb issib riskontru wkoll għar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 anke għaliex l-Artikolu 251Ċ tal-Kap. 9 jiddefinixxi l-elementi materjali tal-kondotta li hi maħsuba għall-fini tar-reati taħt l-Artikoli 251A sa 251BA tal-Kap. 9.

Huwa minnu wkoll li l-imġieba tal-imputat konsistenti f'għajjat, dagħa u tisbit, jidher li hi waħda ripetuta għaliex minn dak li xehdet ommha, hija ġġib ruħha b'dan il-mod frekwentement minħabba l-vizzju tad-droga u l-imputata nnifsha tikkonferma li ma' ommha kienet titlewwem regolarment għaliex kienet tħossha ssikkata u indannata minħabba d-droga, iżda l-Qorti ma tirravviżax fid-dagħa, għajjat u tisbit tal-imputata f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-estremi ta' imġieba li hija intiża u twassal biex tikkaġuna biża' ta' vjolenza, anke fin-nuqqas ta' manifestazzjoni attwali ta' vjolenza. Kemm hu hekk, **mhux ippruvat b'mod konklussiv la d-data speċifika meta seħħew l-episodji preċedenti fejn l-imputata allegatament ġabet ruħha bil-kondotta kriminuża punibbli mil-liġi u lanqas f'hiex kien jikkonsisti preċiżament il-kondotta tal-**

**imputata f'kull waħda minn dawk l-okkazjonijiet.** Fuq kollox, il-Qorti fehmet illi l-imputata kienet iġġib ruħha b'dan il-mod fil-kuntest ta' ġlied frekwenti bejnha u bejn ommha, fejn l-omm ukoll kienet tkun taħt l-effett tad-droga[4], u mhux spontanjament għaliex riedet tikkaġuna lil ommha biża' għall-inkolumita' fiżika tagħha. Fil-fatt, l-imputata xehdet li filwaqt li kienu jiġġieldu ħafna bejniethom, dan kien ikun prinċipalment ġlied fuq id-droga u mhux minnu li ommha kienet tibża' minnha[5] anke għaliex kienet tibqa' tieħu d-droga magħha u dan sat-2 ta' Ottubru 2022, il-ġurnata tal-inċident li rrapportat ommha lill-Pulizija.

In konklużjoni, il-Qorti, filwaqt li tqis li din l-istorja hija waħda ta' tħassib ferm għaliha, ma tistax ma tirrimarkax illi kienet tistenna li l-parti offiża l-ewwel qabel kollox kellha tagħmel il-parti tagħha biex tgħin lil bintha u dan billi ma tabbużax mid-droga fil-preżenza tat-tifla tagħha u teħodha għall-għajnuna tempestivament, u mhux tieħu d-droga quddiemha u magħha, u mbagħad tirrapporta lil bintha għaliex id-droga kien qed iġġiegħlha taġixxi aggressivament.

Għaldaqstant, il-Qorti m'hijiex sejra ssib lill-imputata ħatja tar-reat taħt l-Artikolu 251B tal-Kap. 9

Ikkunsidrat;

L-imputatat ġiet mixlija wkoll li kkaġunat ħsara volontarja fit-telefon ċellulari ta' ommha, Antoinette Pace, tal-għamla Iphone, fejn l-ammont tal-ħsara ma jeċċedix €2,500.

L-imputata fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, ammettiet bla tlaqliq li hija kissret it-telefon ċellulari ta' ommha fit-2 ta' Ottubru 2022. Antoinette Pace wkoll xehdet dwar iċ-ċirkostanzi li fihom l-imputata kissret dan it-telefon ċellulari u l-Qorti hi sodisfatta

[4] Ara xhieda tal-imputata, 20 ta' Marzu 2023, allegazzjoni li ma ġiex kontradetta jew miċħuda.

[5] Kontro-eżami ta' Kyra Hegarty, 20 ta' Marzu 2023, paġna 127 tal-atti proċesswali.

li l-ħtija tal-imputata għal dan ir-reat hija sodisfaċjentement ippruvata u li l-ħsara ma ġiex ikkaġunata involontarjament jew b'riżultat ta' accident. Għaldaqstant l-imputata sejra tinstab ħatja tar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kap. 9 iżda għall-fini tal-piena ma taqbilx li ġie ppruvat kif imiss li l-valur tal-ħsara huwa iktar minn €250 iżda mhux iktar minn €2,500 kif maħsub fl-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 indikat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju.

Dan qed jingħad għaliex il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aħjar prova tal-valur tal-ħsara fit-telefon ċellulari: l-unika prova li tressqet fir-rigward hija x-xhieda ta' Antoinette Pace li qalet li t-tiswija tal-mobile tiswa ċirka €500. Iżda ma tressqet ebda prova oħra biex tissostanzja din l-allegazzjoni: il-Qorti tistenna li jiġi prodott document bi stima jew ix-xhieda tal-persuna li ta din l-istima, speċjalment meta Antoinette Pace ikkonfermat li t-telefon għadu jiffunzjona. Għaldaqstant, billi mhux ippruvat sodisfaċjentement li l-valur tal-ħsara jeċċedi €250, il-Qorti sejra ssib ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325(1)(ċ) tal-Kap. 9, fejn il-piena applikabbli hi ta' priġunerija għal mhux iktar minn sitt xhur.

Iktar minn hekk, il-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni skjetta ta' Antoinette Pace fix-xhieda tagħha illi hi mhijiex interessata f'kumpens għat-tkissir tat-telefon ċellulari tagħha u ma trid ebda ħlas mingħand bintha għall-ispejjez tat-tiswija. Konsegwentement m'hi sejra tagħmel ebda ordni taħt l-Artikolu 15A tal-Kap. 9 jew xi ordni għall-ħlas tad-danni jew kumpens taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.

Ikkunsidrat;

L-imputata ġiet mixlija wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 ċioe' li għamlet lil ommha inġurji jew theddid, jew jekk ikun ipprovokat, inġurjatha b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti rat il-provi. Mhux ippruvat mix-xhieda ta' Antoinette Pace li l-imputata għamlitilha theddid li huwa serju u li jikkostitwixxu r-reat kontravvenzjonali taħt l-

Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Irrispettivament minn dak li setgħet irrapportat Antoinette Pace lill-Pulizija fit-2 ta' Ottubru 2022, fix-xhieda tagħha hija kkonfermat biss li l-imputata qatlitlha:-

"*... kemm ma naħmlekx, kemm inti omm ħażina, kemm nixtieqek tmur għax inti tħobb lil Kayden iktar minni...*"

Fil-fehma tal-Qorti dan ma jikkostitwixxix theddid tal-estrem li jrid jippunixxi l-leġislatur, lanqas il-kliem ħażin u pastaż li fix-xhieda tagħha stqarret li indirizzat lejn ommha anke għaliex il-Qorti fehmet illi dan kien provokat mill-kliem ta' ommha stess.

Madanakollu, fl-istess waqt Antoinette Pace xehdet ukoll li bnitha għajritha "*Qaħba, toffendini, ma taħmilnix...*". Għall-Qorti, it-tgħajjir ta' mara multo magis omm l-aġent tar-reat, bħala "*qaħba*" huwa insult gravi u tiffigura fost l-insulti li l-leġislatur ried jippunixxi bħala reat kontravvenzjonali fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-imputata ġiet provokata b'mod speċifiku biex tgħajjar lil ommha bl-użu ta' din il-kelma, għalkemm dak il-ħin kienu qegħdin jiġġieldu.

Għaldaqstant l-imputata sejra tinstab ħatja tar-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikllolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 addebitat fit-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-eta' żgħira tal-imputata u l-fatt illi dan l-episodju tnissel minn dipendenza qawwija fuq id-droga u sejra tieħu qies ukoll tar-retroxxena tal-problemi tal-imputata u t-trobbija xejn xierqa li jidher li kellha. Ser tagħti importanza fuq kollox għall-fatt illi llum jirriżulta li l-imputata qiegħda tagħraf l-importanza tar-rijabilitazzjoni tagħha u qiegħda turi motivazzjoni rejali biex ittejjeb il-ħajja tagħha tant li rikonoxxiet ukoll li hu biss bis-saħħa tal-għajnuna professjonali li qiegħda tingħata mill-ħaddiema soċjali u fi ħdan l-Aġenzija

Caritas li tista' tirrejalizza l-potenzjal li għandha biex tegħleb darba għal dejjem dan il-vizzju ikrah u devastanti li ħakimha fl-iktar snin vulnerabbli ta' ħajjitha. Mix-xhieda ta' Johann Ciantar, senjatament fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023 il-Qorti fehmet illi kien hemm titjib sostanzjali fl-imġieba tal-imputata - b'mod partikolari wara li reġgħet ġiet ammessa fil-programm residenzjal fi ħdan l-Aġenzija Caritas wara sospensjoni ta' ftit ġimgħat minħabba l-attitudni aggressiva tagħha - tant li llum tinsab determinata u qiegħda taħdem bis-serjeta', biex tilħaq l-għan u tirrejalizza x-xewqat tagħha, li fir-rejalta' huma għanijiet sempliċi ħafna: ċioe' li tieħu lura l-kura tat-tarbija tagħha u tgawdi magħha ħajja normali ħielsa mid-droga. Il-Qorti għandha fiduċja li l-imputata għandha l-ħila u l-kapaċita' li tirrejalizza dan iżda hu essenzjali li tkompli tirċievi l-għajnuna f'ambjent strutturat għaż-żmien kollu li jkun meħtieġ biex ir-rijabilitazzjoni tagħha tkun effettiva u kompluta. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex sejra tagħti piena karċerarja għaliex kif sewwa stqarrew il-partijiet kollha, din ma tkunx waħda idonea għaliex indubbjament jiġi stultifikat il-progress kollu li ġie reġistrat sal-lum, iżda sejra tqiegħed l-imputata taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien kollu li tippermetti l-liġi biex tingħata gwida strutturata minn professjonisti li jistħgu jgħinuha tegħleb l-isfidi tal-ħajja tagħha u bil-kundizzjoni li hija tkompli u twettaq b'mod sħiħ il-programm residenzjali li qiegħda ssegwi llum ġewwa l-Caritas tal-Ibwar sat-tmiem tiegħu, u tirċievi wkoll it-trattament kollu meħtieġ anke sabiex tindirizza problemi psikoloġiċi u emottivi li jistgħu jkunu ta' sfida għall-imġieba tagħha.

Peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħatja minn Uffiċjal tal-Probation tkun mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tagħha u anke li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li tista' tagħmel u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, sejra tqiegħda taħt Ordni ta' Probation għaż-żmien massimu li tippermetti l-liġi.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma ssibx lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tilliberaha minnha, wara li rat l-artikoli 325(1)(ċ) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta issib lil KYRA HEGARTY ħatja tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-**

**Liġijiet ta' Malta, tpoġġiha taħt Ordni ta'** ***Probation*** **għal żmien tlett (3) snin mil-lum u dan taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation mogħtija kontestwalment u li tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha magħha jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u semgħet ukoll lill-ħatja tesprimi r-rieda tagħha li tikkonforma ruħha mal-ħtiġijiet tal-Ordni ta'** ***Probation*****.**

**Għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja KYRA HEGARTY sabiex tingħata t-trattament psikoloġika u konjittiva li jista' jkun meħtieġ biex tegħleb l-isfidi fl-imġieba tagħha u dan għal perijodu ta' tliet (3) snin, taħt it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment.**

**Billi ma jirriżultax li gew maħtura xi esperti f'dawn il-proceduri jew fil-*****proces-verbal*** **tal-inkjesta, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda torbot lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha, biex izżomm il-paċi ma' ommha Antoinette Pace u dan taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti tordna illi din is-sentenza kif ukoll l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tal-ħati, jigu notifikati lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**